**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 t' Awwissu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Mustapha Hancha**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

   Mustapha Hancha detentur tal-Passaport Tuneżin bin-numru LPM6135MAP, iben Housna u Hayt imwieled gewwa t-Tunezija nhar l-14 ta' Marzu, 1993 bħala l-kaptan tal-bastiment MOHAMED CHIHEB li jtajjar il-bandiera Tuneżina li għandu n-numru ta' registrazzjoni (SF3360) u IMO 9896464

   Akkuzat talli nhar l-14 t' Awwissu 2022 u fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, fl-ibhra tas-sajd Maltin, b'diversi atti maghmula minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bħala l-kaptan ta' bastiment tas-sajd barrani bl-isem ta' MOHAMED CHIHEB in-numru ta' registrazzjoni (SF3360) u IMO 989646, talli stad fl-ibħra tas-Sajd Maltin (ċioe fil-25 NM), mingħajr liċenzja mgħotija taħt l-Kap. 425 tal-liġijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 10 paragrafu (1) u paragrafu (2) tal-Kap. 425 tal-liġijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, ħin , lok u ċirkostanzi, bħala l-kaptan ta' bastiment tas-sajd barrani bl-isem ta' MOHAMED CHIHEB n-numru ta' registrazzjoni (SF3360) u IMO 989646, li kellu ħut abbord, talli naqas milli javża lill-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd bl-ammonti, bid-deskrizzjonijiet u bil-preżentazzjoni ta' ħut abbord il-bastiment, qabel ma' l-bastiment jidhol fl-ibħra tas-sajd Maltin (25NM) u dan bi ksur tal-Artikolu 11 paragrafu (1) (a) u paragrafu (2) tal-Kap. 425 tal-liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, bħala l-kaptan ta' bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz bl-isem ta' MOHAMED CHIHEB n-numru ta' registrazzjoni (SF3360) u IMO 989646, naqas milli tinnotifika lill-awtoritajiet Maltin, tal-port jew faċilitajiet ta' żbank speċifikati li ser jkunu qiegħdin jiġu użati mill-bastiment, mill-anqas 3 ijiem (72hrs) ta' xogħol qabel il-ħin mistenni tal-wasla fil-port u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1005/2008, liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skond id-dispozizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u preċiżament tar-regolamenti 3 u 4(6) ta' l-imemmija Ordni, partikolarment il-paragrafu (ċ) u (e) tar-regolament 4(6) tal-L.S. 425.08;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna il-konfiska favur il-Gvern l-bastiment tas-sajd bl-isem ta' MOHAMED CHIHEB n-numru ta' registrazzjoni (SF3360) u IMO 989646, it-tagħmir tas-Sajd u l-prodotti tas-sajd skond l-Artikolu 35 u l-Artikolu 30(2) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas il-kost u l-ispejjez skond l-artiklu 31(4) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

8. Ghal fini ta' piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija u ghaldaqstant ma heliex il-hin tal-forzi ta' l-ordni u ta' dawn il-Qrati.

9. It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni bit-teorija tal-konkors formali u ideologiku tar-reati.

**Konkluzjoni**

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 10(1), 11(1)(a) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, u paragrafi (c) u (e) tat-tielet proviso tar-Regolament 4(6) u r-r-Regolament 4(2) tal-Ligi Sussidjarja 425.08 (Avviz Legali 209/2011) issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' ghaxart elef Euro (€10,000), li ghandha tithallas immedjatament.

2. Ai termini tal-Artikolu 30(2) tal-Kapitolu 425, tordna l-konfiska ta' kull taghmir tas-sajd, strumenti u apparati uzati fl-eghmil ta' dawn ir-reati, u kull hut abbord il-bastiment tas-sajd fuq imsemmi, id-dhul mill-bejgh tieghu, jekk ikun diga inbiegh, jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

3. Ai termini tal-Artikolu 35(1) tal-Kapitolu 425, tordna li fin-nuqqas ta' hlas immedjat tal-multa, il-hati ghandu jaghti garanzija ghall-hlas tal-ammont dovut ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti sa ghada 18 ta' Awwissu 2022 f'nofs-in-nhar (12.00pm) u fin-nuqqas il-Qorti tordna d-detenzjoni tal-bastiment tas-sajd fuq imsemmi, li ghandu jinzamm f'Malta sakemm jithallas l-ammont dovut jew sakemm tinghata garanzija bizzejjed ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**